# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 598

Kaz Nru. 688

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Bond

u

Invicta Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 1 ta' Dicembru, 1994

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons)., M.A.

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lil dan it-Tribunal mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 25 ta' Gunju, 1992.

## Il-Kaz

Il-kwistjoni hija dwar tkeccija mill-impjieg tas-sur Joseph Bond mill-Invicta Ltd fis-27 ta' Frar 1992.

Fl-istqarrija ta' l-appellant intqal li fl-istess data, Nicholas Curmi, impjegat ta' Invicta Ltd., ghajjar lill-impjegat iehor Paul Borg. Joseph Bond sikket lil Curmi li wiegeb lil Bond b'kelma baxxa. Joseph Bond imbotta lil Curmi, u Curmi tefa' dustbin lil Bond u mar jirrapportah lil Charles Farrugia u Alfred Farrugia, diretturi ta' l-Invicta Ltd. Id-diretturi marru fuq Bond, tawh

daqqa ta' ponn, tefghuh mal-art u keccewh dak il-hin. Joseph Bond apella lill-Awtorita' tax-Xoghol biex ji-thalla jirregistra, u l-appell tieghu intlaqa'.

F'isem il-Kumpanija gie sottomess li kien inqala' argu-ment bejn zewg impjegati taghha fil-presenza ta' l-istorekeeper Joseph Bond. Dan minflok waqqafhom, zamm ma' Borg, sahan kontra Curmi, ghamel ghalih u spicca biex tah daqqa sodi fuq wiccu, tant li Curmi mill-ewwel baqa' sejjer jaghmel rapport lid-diretturi. Hekk kif raw lil Curmi f'dak l-istat b'wiccu juri li kien ghadu kif qala' daqqa sew, u wara li stabbilew li Bond bl-ebda mod ma kien gie provokat, id-diretturi hassew illi l-gravi-ta' ta' l-incident, l-aktar minn impjegat li diga' qabel kien hedded serjament lil wiehed mid-diretturi u li spiss kien ardit fir-relazzjonijiet tieghu maghhom u li f'xoghlu generalment kien traskurat, kienet timmerita xejn anqas minn tkeccija minnufih.

## KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal zamm sitt seduti li fihom sema' ghadd ta' xhieda fosthom l-appellant innifsu. L-incident finali sehh f'kuntest partikolari ta' kummenti bejn haddiema b'opinjonijiet opposti ftit jiem wara l-elezzjoni gener-ali.

Il-kuntest tar-relazzjonijiet umani fl-ambjent tax-xoghol in kwistjoni ma ghenx biex dan il-kaz ma jiksibx

proporzjonijiet barra l-limiti tar-ragjonevolezza. L-agir li wassal ghat-temm ta' l-impjieg kien ta' gravita' serja u qabez il-limitu ta' kaz normali ta' argument; li kieku ma kibirx bla bzonn, wisq probabbli li wiehed kien ikun jista' jasal ghal kastig iehor.

It-Tribunal ghaldaqstant jinserixxi din il-kwistjoni f'ambjent ta' xoghol u ta' relazzjonijiet hziena bejn l-appellant u d-diretturi; Bond kien ilu jahdem mal-kumpanija minn Jannar tal-1983.
Iz-zewg partijiet kkontribwew biex il-kaz jassumi dimensjoni akbar min normal u dan probabbilment wassal biex l-Awtorita' tax-Xoghol thalli lil Bond jirregistra.

It-talba ta' l-appellant ma kinitx biex jerga' jidhol ma' l-Invicta izda ghal kumpens.

It-Tribunal analizza l-kaz globalment bir-responsabbilitajiet tal-partijiet kollha f'dan il-kaz ta' gravita' serja mill-appellant. Qies ukoll il-metodu finali, u fic-cirkostanzi partikolari; waqt li jikkonferma t-temm ta' l-impjieg, u kkunsidrat is-servizz li ta Bond, jaghti hlas minimu ta' Lm250 bhala pagament "ex gratia".

Ghall appellant deher l-avukat Karmenu Mifsud Bonnici u ghall-Kumpanija s-sur Karmenu Farrugia.

Ghall finijiet tar-Regolamenti dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg